A.L. 40 ta' l-1982

ORDINANZA TA' L-1961 DWAR IL-PULIZIJA TA' MALTA (ORDINANZA NRU. II TA' L-1961)

Regolamenti ta' l-1982 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pulizija ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 ta' l-Ordinanza ta' l-1961 dwar il-Pulizija ta' Malta, il-Ministru ta' l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1982 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pulizija ta' Malta, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1960 dwar il-Pulizija ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 14 ta' l-1960

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "sitta u għoxrin sena" għandhom jidħlu l-kliem "tletin sena"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu minflok il-kliem "1.65 metri" għandhom jidħlu l-kliem "1.60 metri".